IN-NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 38 - L-ERBGĦA 23 TA' FRAR 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:54.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi-Sindku (wasal fis-18:07) |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija: | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

**Nuqqas ta' quorum:**

Peress li fis-17:45 ma kienx hemm il-quorum meħtieġ, il-laqgħa bdiet fil-17:54 hekk kif kien hemm il-quorum meħtieġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. INTRODUZZJONI MIS-SINDKU**

Minħabba kummenti li ġieli kien hemm fuq il-mezzi soċjali, s-Sindku infurmat lill-pubbliku li dawk il-Kunsilliera li jkunu qed jużaw il-mobile waqt il-laqgħa, ma jfissirx li mhux qed jipparteċipaw sew iżda jista' jkun li jkollhom bżonn jaċċessaw dokumenti relatati mal-laqgħa tal-Kunsill.

**2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

2.1 Is-SE informa li rċieva e-mails mingħand il-Kunsilliera Brincat u Cuomo li taw raġunijiet talli ma jistgħux jattendu. Il-Kunsill qies l-assenza tagħhom bħala ġustifikata.

## 3. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 36 li saret it-Tlieta 28 ta' Diċembru 2021.**

3.2 Il-Kunsillier Gatt saqsa lis-SE jekk dawn il-minuti kellhomx jiġu riveduti. Is-SE wieġeb li fl-aħħar laqgħa kien intqal li xi Kunsillieri kellhom iressqu xi emendi però ma tressqu l-ebda emendi. Min-naħa tiegħu ma ħassx li kellu x'jemenda fihom iżda jistgħu jitressqu emendi min-naħa tal-Kunsillieri.

3.3 Il-minuti ġew approvati *(nem con)* wara proposta mill-Kunsillier Deguara ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

3.4 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 37 li saret l-Erbgħa 19 ta' Jannar 2022.**

3.5 Kienu is-18:07 u dan il-ħin wasal il-Viċi Sindku.

3.6 Il-minuti ġew approvati *(nem con)* wara proposta mill-Kunsillier Gatt issekondata mis-Sindku.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku ppreżentat il-kommunikazzjoni tagħha kif ġej:

4.2 Fl-20 ta' Jannar saret żjara mill-Ministru Dott. Ian Borg għall-installazzjoni artistika tal-artist is-Sur Sonny Gatt li tinsab fir-*roundabout* tat-Telgħa T'Alla u Ommu. Hi infurmat li dan il-proġett kien jaqa' taħt l-iskema "Arti fi spazji pubbliċi" li permezz tagħha l-Gvern iffinanzja numru ta' biċċiet artistiċi madwar Malta.

4.3 Fid-9 ta' Frar ġiet organizzata żjara fil-Mitħna għall-Kunsillieri. Preżenti kien hemm il-Kunsillieri Spiteri, Cuomo, Deguara, Brincat u Gatt kif ukoll is-SE, il-Periti tal-proġett u l-Project Manager u l-kuntrattur tal-mekkaniżmu.

4.4 Fid-9 ta' Frar saret laqgħa mal-Kumitat tal-Festa u l-Kumitati tal-baned. Din il-laqgħa saret wara talba mill-Ispettur bħala introduzzjoni tagħha. Il-Kumitati talbu li tiġi organizzata laqgħa fix-xahar ta' Ġunju sabiex jiddiskutu l-loġistika tal-Festa. Il-Kunsillieri Spiteri u Gatt se jkunu preżenti għal din il-laqgħa.

4.5 Fid-9 ta' Frar is-Sindku kellha laqgħa tar-Reġjun Trmuntana.

4.6 Is-Sindku infurmat li bgħatet imejl lid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet u Infrastruttura rigward ix-xogħlijiet li fadlilhom jagħmlu fil-Ġnien Santa Marija tal-Anġli f'Baħar iċ-Ċagħaq. Huma infurmawha li bħalissa għaddejjin bix-xogħlijiet ta' dawl u CCTV, rinnovazzjoni ta' bankijiet, *canopy*, funtana, tagħmir ta logħob tat-tfal u rranġar ta' *railing*.

4.7 Il-Kunsillier Gatt informa li l-Muniċipju ta' Izmir fit-Turkija bgħatet kommunikazzjoni fejn xtaqet li tagħmel proġett ta' *safe routes* simili bħal dik li saret fil-lokalità tan-Naxxar però b'investiment ferm akbar. Il-Kunsillier Gatt informa li diġà bdiet il-kommunikazzjoni magħhom biex il-Kunsill jidħol bi sħab u jkun jista' jkompli u jiżviluppa l-proġett inizjalat fin-Naxxar. Dan il-proġett ikun iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea jekk l-applikazzjoni tintlaqa'.

4.8 Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier Deguara se jibda jorganizza attività tal-sports.

## 5. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

5.1 Il-Viċi Sindku staqsa lis-SE jekk l-Iscouts jistgħux japplikaw għal proġett u jużaw fondi mid-DPF (Development Planning Fund).

5.2 Is-SE infurmah li jistgħu japplikaw.

5.3 Se jintbgħatu linji ta' gwida lill-iscouts biex ikunu infurmati aħjar.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

6.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

6.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/38) anness f'appendiċi A.

6.1.2 Lista ta' dħul tax-xahar Jannar anness f'appendiċi B.

6.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Jannar anness f'appendiċi Ċ.

6.1.4 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Jannar anness f'appendiċi D.

6.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con)* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret il-Ħamis 17 ta' Frar (anness f'appendiċi E).

7.2 Il-Kunsillier Spiteri staqsa għal spjegazzjoni dwar punt numru 3 (dwar pompa fil-Pjazza). Is-SE spjega fid-dettal dwar x'intqal waqt il-laqgħa tas-Sottokumitat tal-Finanzi u spjega kif il-Kumitat wasal għad-deċiżjoni.

7.3 Dwar l-istess suġġett il-Viċi Sindku qajjem id-diskussjoni mill-ġdid bil-proposta li jiġi installat meter. Finalment il-Kunsill qabel li jkun propost lill-kuntrattur li bħala kumpens għall-ilma, b'mod partikulari fil-perjodi meta s-siġar l-aktar iħammġu fi Triq tal-Labour, jaħsel it-triq imqar kull ħmistax.

7.4 Il-Kunsillier Spiteri staqsa għal spjegazzjoni dwar punt numru 5 dwar bozoz tat-toroq li jintalbu biex jitneħħew minħabba żvilupp privat. Is-SE spjegalu fid-dettal dwar id-deċiżjoni li kienet ittieħdet waqt il-laqgħa.

7.5 Il-Kunsill approva dan ir-rapport fuq proponiment tas-Sindku sekondata mill-Viċi Sindku.

## 8. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

8.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret il-Ħamis 17 ta' Frar (anness f'appendiċi F).

8.2 Il-Kunsill approva r-rapport *(nem con)* wara proposta mis-Sindku s-ssekondata mill-Kunsillier Abela.

9. **BANDLI F'SAN PAWL TAT-TARĠA**

9.1 Is-Sindku infurmat li wara li saret konsultazzjoni pubblika, r-residenti xtaqu li jsir bandli minflok outdoor gym.

9.2 Is-SE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-pjanti/vizwal ta' dan il-proġett. Hu pjanat li dan il-proġett jibda is-sena dieħla fl-2023.

9.3 Is-Sindku infurmat li dan il-proġett mistenni jiswa madwar €150,000 u l-Kunsill se japplika għal fondi mill-DPF.

9.4 Is-SE informa li mhux se jitneħħew l-ebda siġar minn fuq il-post.

9.5 Il-Kunsillier Gatt issuġerixxa li jsir *zebra crossing* madwar iż-żona.

9.6 Il-Kunsillier Spiteri saqsa lis-SE li jkun jixtieq kopja tal-BOQ tal-proġett kollu.

9.7 Il-Kunsill approva dan il-proġett u li jibda l-proċess sabiex japplika mal-Planning Authority wara proposta mis-Sindku s-ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

**10. PROPOSTA BIEX PARTI MINN TRIQ L-INGILTERRA SSIR F'DIREZZJONI WAĦDA**

10.1 Is-SE bgħat rapport dettaljat lil Kunsilliera dwar il-konsultazzjoni fuq proposta biex Triq l-Ingilterra ssir f'direzzjoni waħda. Dan kien meqjus moqri.

10.2 A bażi tal-konsultazzjoni pubblika u minħabba bollards li installaw Infrastructure Malta ġie deċiż li Triq l-Ingilterra tibqa' f'żewġ direzzjonijiet. Jekk eventwalment jinstab li l-bollards installati ma jkunux solvew il-problema oriġinali, allura l-Kunsill jerġa jirrikonsidra.

**11. L-IMPLEMENTAZZJONI TA' MIŻURA TAT-TRAFFIKU FI TRIQ THACKERAY U SIR H. LUKE**

11.1 Is-SE ippreżenta rapport dwar kummenti li kienu waslu wara l-implimentazzjoni tas-sistema ġdida tat-traffiku fi Triq WM Thackeray. Dan kien meqjus moqri.

11.2 Il-Kunsill iddeċieda li peress li s-sistema hija fuq prova ta' tliet xhur, allura l-Kunsill m'għandux jieħu deċiżjoni issa. Is-Sindku pproponiet li din l-implementazzjoni jevalwawha fid-dettall il-Kunsillier Gatt flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Spiteri.

**12. SKEMI**

12.1 Is-SE informa lill-Kunsill li kien hemm applikazzjoni ta' Urban Greening iżda l-Kunsill ma setax isib żona. Is-SE saħaq kemm il-darba li, biex il-Kunsill ikun jista' jippreżenta applikazzjoni f'tali skemi jrid ikollu kollox lest inkluż il-permessi. Għalhekk il-Kunsill għandu jaħseb bil-quddiem u anke jġib il-permessi neċessarji mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex meta toħroġ skema l-Kunsill ikun lest biex japplika.

12.2 Is-Sindku talbet lill-Kunsillieri Deguara u Gatt biex jiltaqgħu sabiex jibdew jiddiskutu dwar l-applikazzjoni ta' European Mobility Week. Dan sabiex l-applikazzjoni tkun aktar b'saħħitha sabiex meta l-Kunsill jirċievi l-applikazzjoni, l-Kunsill ikun lest biex japplika.

12.3 IS-SE informa li kien hemm applikazzjoni ta' Measure 4.3 għal tiswija ta' toroq rurali. Is-SE informa li kien diġà beda x-xogħol ma' SEM fuq l-

applikazzjoni. Madanakollu kien infurmat li diġà kien hemm ammont kbir li kienu lesti biex applikaw taħt din il-miżura, fosthom Infrasturcture Malta li kien qiegħed applika għal ħames miljun ewro meta l-fond kien ħames miljun ewro. Minħabba d-diffikultajiet biex tkun ippreparata l-applikazzjoni, u għaliex kien hemm kompettizzjoni daqstant kbira, il-Kunsill qabel li m'għandux jipproċedi bl-applikazzjoni.

**13. PROĠETT TA' ĠEMELLAĠĠ MA' CANICATTÌ (SQALLIJA)**

13.1 Is-Sindku infurmat li ġiet avviċinata minn NGO bi proposta għal proġett ta' ġemellaġġ ma' Canicattì ġewwa Sqallija.

13.2 Is-SE spjega li l-NGO diġà kellha proġetti bħal dawn ma' Kunsilli oħra fejn kollha kienu ta' suċċess. Hu informa li l-applikazzjoni għal fondi Ewropej se jkunu intiżi sabiex isir attività ta' tlett ijiem fin-Naxxar biż-żjara ta' 101 persuna minn din il-belt Sqallija. Din is-sena stess imbagħad issir applikazzjoni biex grupp min-Naxxar jitla għal attivitajiet f'Canicattì. L-attivitijiet fin-Naxxar isiru f'April tal-2023. Il-Fondi huma minimi u għalhekk is-SE saħaq li jkun importanti li l-għaqdiet ikunu nvoluti sabiex il-Kunsill isib l-għajnuna min-naħa tagħhom.

13.3 It-tema tal-attività tkun fuq l-inbid, id-dqiq, il-mużika kif ukoll il-*crafts.* L-attività ssir quddiem il-Mitħna tal-Għaqba u se jkunu jinvolvu laqgħat ukoll.

13.4 Il-Kunsillier Spiteri staqsa xi spejjeż ikunu nvoluti. Is-SE wieġeb li l-fond mill-Ewropa għal żjara minn 101 persuna jkun ta' €17,440 għal attività ta' tlett ijiem.

13.5 Is-SE informa li għal din l-attività importanti l-għajnuna ta' kulħadd u kulħadd ikun involut.

13.6 Il-Kunsill qabel ma' dan il-proġett wara proposta mis-Sindku s-sekondata mill-Kunsillieri kollha li kienu preżenti għal din il-laqgħa.

**14. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

14.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu 2022 fil-17:30.

14.2 Il-Laqgħa ntemmet fit-19:42.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |